MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 701/2007

Avukat Dottor Philip **MANDUCA** bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' *PUMA AG Rudolf Dassler Sport*

vs

Avukat Dottor Anthony **CUTAJAR** u P.L. Hilda Ellul-Mercer li b'degriet tat-30 ta' Lulju, 2007, nħatru Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Chal Global Limited

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-27 ta' Ġunju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab (a) li din il-Qorti tiddikjara li l-kumpannija barranija konvenuta kisret il-jeddijiet dwar marka tal-kummerċ proprjeta' tal-kumpannija attriċi barranija bi ksur tal-Att VIII tal-2000 (Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta) u b'hekk ikkaġunat danni lill-istess kumpannija attriċi barranija; (b) tillikwida d-danni sofferti mill-kumpannija attriċi minħabba l-imġiba tal-kumpannija mħarrka; (ċ) tikkundanna lill-istess

kumpannija mħarrka tħallas id-danni msemmija lill-kumpannija attriċi; u (d) tordna l-qerda tal-oġġetti (żraben) spaċċjati u/jew prodotti u/jew miġjuba f'Malta fil-*containers* bin-numri ECMU 9555558, GESU 4489912, ECMU 9491962 u ECMU 9042750 mill-istess kumpannija mħarrka. Talab ukoll il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża;

Rat ir-Risposta maħlufa mressqa mill-Kuraturi Deputati fl-1 ta' Ottubru, 2007, li biha iddikjaraw li s'issa ma jafu xejn dwar il-każ u irriżervaw li jressqu Risposta maħlufa ulterjuri jekk isiru edotti mill-fatti;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-20 ta' Novembru, 2007, u b'mod partikolari d-dikjarazzjoni magħmula mill-attur *nomine* li biha talab żmien biex iressaq il-provi tiegħu u biex fil-frattemp jirregola l-pożizzjoni tiegħu dwar it-tieni u għat-tielet talbiet attriċi;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-23 ta' Novembru, 2007[1], li mehmużin magħha tressqu x-xhieda bil-mezz tal-affidavit;

Rat in-Nota mressqa mill-kuraturi deputati fit-23 ta' Novembru, 2007, b'kopji tal-ittri mibgħutin minnhom lill-kostitwenti tagħhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2007, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fin- nuqqas ta' xkiel;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni taħt l-Att VIII tal-2000[2] dwar merkanzija li ddaħħlet f'Malta u li l-attur *nomine* jgħid li b'dan il-fatt ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu fuq marki ta' kummerċ magħrufa. L-attur *nomine* jgħid li l-imsemmija merkanzija kienet falza jew kontraffatta. Jgħid li minħabba f'hekk, il-kumpannija barranija minnu rappreżentata ġarrbet danni u

[1] Paġġ. 29 sa 38 tal-proċess
[2] Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta

qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tagħhom. Qiegħed jitlob ukoll il-qerda tal-merkanzija msemmija u l-ispejjeż tal-kawża;

Illi l-kuraturi deputati maħturin biex jidhru għall-kumpannija mħarrka iddikjaraw li ma jafu xejn dwar il-każ u lanqas ingħataw mingħandha xi struzzjonijiet dwar it-talbiet attriċi;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-kumpannija barranija attriċi hija s-sid reġistrat f'Malta tal-marki "*Puma*" u "*Cat*"[3]. Jirriżulta[4] li fil-15 ta' Mejju, 2007[5], il-kumpannija mħarrka għabbiet konsenja ta' 1501 kartuna merkanzija kontenenti żraben f'*container* bin-numru ECMU 9042750 abbord il-bastiment CMA CGM NABUCCO bil-polza ta' tagħbija NBST 010701A mill-port ta' Ningbo fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-port ta' Skikda, fl-Alġerija, u kif ukoll konsenja oħra ta' 1565 kartuna oħrajn ta' żraben f'*container* ieħor bin-numru ECMU 9555558 abbord l-istess imsemmi bastiment fuq l-istess vjaġġ u bl-istess polza ta' tagħbija[6]. Jirriżulta wkoll[7] li, fuq l-imsemmi bastiment l-istess kumpannija mħarrka għabbiet konsenja oħra ta' 1270 kartuna żraben f'*container* bin-numru GESU 4489912 u konsenja oħra ta' 1650 kartuna żraben oħrajn bil-polza ta' tagħbija NBST 010101C[8] destinata għall-isess port Alġerin. Minbarra dan, jirriżulta wkoll li, xi jiem wara, il-kumpannija mħarrka għabbiet *container* ieħor bin-numru ECMU 9491962 li kien fih 1380 kartuna żraben fuq il-bastiment CMA CMG BERLIOZ b'polza ta' tagħbija numru NBST 010956B[9], mill-istess imsemmi port Ċiniż maħsub li jbaħħar ukoll sal-imsemmi port Alġerin[10];

Illi l-erba' *containers* imsemmija ddaħħlu fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk f'Malta xi jiem wara u nżammu mill-awtoritajiet tad-Dipartiment tad-Dwana fuq suspett li l-merkanzija ma kinitx ġenwina. Jidher li l-merkanzija għadha hekk

---

[3] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[4] Dok "GA(iv)", f'paġġ. 36 – 7 tal-proċess
[5] Dok "B", f'paġ. 3 tal-proċess
[6] Dok "GA(iii)", f'paġġ. 34 – 5 tal-proċess
[7] Dok "GA(ii)", f'paġġ. 32 – 3 tal-proċess
[8] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess
[9] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess
[10] Dok "GA(i)", f'paġġ. 30 – 1 tal-proċess

miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti. L-attur *nomine* bagħat jgħarraf lill-mandanti tiegħu bit-tagħrif li ngħata mid-Dwana. Il-kumpannija barranija attriċi fliet kampjun taż-żraben involuti fiż-żamma u waslet għall-fehma li l-istess żraben ma kinux ġenwini[11]. Il-kawża tressqet fis-27 ta' Ġunju tal-2007;

Illi meta jitqiesu l-fatti fuq imsemmija ma' dak li tipprovdi l-liġi, jinstiltu l-konklużjonijiet li ġejjin:

a. il-kumpannija rikorrenti hija detentriċi ta' dritt li għalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tiegħu;

b. illi l-merkanzija mniżżla l-art f'Malta ma kellhiex marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija rikorrenti u lanqas jidher li ġiet manufatturata bil-kunsens tagħha, u dan għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dħul tal-imsemmija merkanzija, imqar jekk fl-ambitu tal-Port Ħieles, huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija rikorrenti;

d. jidher li l-kumpannija rikorrenti wettqet ukoll l-obbligi tagħha dwar tagħrif mogħti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta għall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. illi l-kampjun mogħti lill-kumpannija rikorrenti u minnha mibgħuta barra minn Malta għall-eżamijiet meħtieġa huwa proċess maħsub mil-liġi[12] u kien ta' għajnuna kbira biex il-kumpannija rikorrenti setgħet bdiet il-proċeduri xierqa fl-iqsar żmien, u biex jiġi determinat li ż-żraben sportivi kienu tassew foloz[13];

f. it-talba tal-kumpannija rikorrenti biex il-konsenja ta' merkanzija in kwestjoni tiġi meqruda hija waħda mill-effetti li l-liġi[14] taħseb għalihom dwar id-dħul

[11] Dok "Ċ", datat 20.6.2007, f'paġ. 8 tal-proċess
[12] Art. 7(3) tal-Kap 414
[13] Dok "NN", f'paġ. 38 tal-proċess
[14] Art. 8(1)(a) tal-Kap 414

f'Malta ta' ħwejjeġ falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

g. il-falsita' tal-imsemmija merkanzija tinsab ippruvata fi grad tekniku biżżejjed, u ammissibbli fil-liġi, li l-Qorti ma tħossx il-ħtieġa li taħtar espert biex jagħmel kostatazzjonijiet oħrajn;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li ir-rikorrent *nomine* wera tajjeb biżżejjed li l-kumpannija rikorrenti kellha raġun temmen li l-merkanzija fuq imsemmija li ddaħħlet f'Malta f'xi żmien bejn Mejju u Ġunju ta' din is-sena, kienet tikser il-jeddijiet intellettwali tagħha kif imħarsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin u li l-ħelsien tagħhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx ħafif għaliha li tagħmel tajjeb għalih jekk mhux biż-żamma għal dejjem tagħhom jew bil-qerda tagħhom, ukoll jekk kien maħsub li l-aħħar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiż ieħor barra minn Malta;

Illi r-rikorrent *nomine* talab ukoll biex il-kumpannija mħarrka tinsab responsabbli għad-danni mġarrba u tkun kundannata tħallasha dawk id-danni. Provi dwar dawn id-danni ma nġabux, u l-attur kellu jirregola ruħu sewwasew dwar dawn it-talbiet. Fin-nuqqas ta' provi, l-Qorti ma tistax tilqagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin Kuraturi Deputati;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-kunsinna ta' merkanzija msemmija fil-premessi tar-Rikors maħluf imniżżla l-art fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-bastiment *CMA CGM NABUCCO* ġo *containers* bin-numri ECMU 9042750, ECMU 9555558 u GESU 4489912 u kif ukoll dik imniżżla l-art fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-bastiment *CMA CGM BERLIOZ* ġo *container* bin-numru ECMU 9491962 kienu foloz għall-finijiet u effetti kollha tal-Att VIII tal-2000, u għalhekk id-dħul tagħhom

f'Malta jikser il-jeddijiet intellettwali (dwar Marki tal-Kummerċ) tal-kumpannija attriċi barranija;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** u dan billi l-attur *nomine* ma ressaq l-ebda prova fir-rigward;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jipproċedi għall-prattiki kollha meħtieġa, inklużi l-għoti minnu ta' kull direttiva lilu mogħtija b'setgħa mil-liġi, għall-qerda tal-merkanzija kollha fuq imsemmija, u dan sa mhux aktar tard minn xahar kalendarju minn dak inhar li jiġi notifikat, a kariku tal-kumpannija rikorrenti, b'kopja awtentikata ta' din is-sentenza;

**Tordna** li sa mhux iżjed tard minn ħmistax-il (15) jum tax-xogħol minn dak inhar li l-ordni tal-Qorti għall-qerda ta' dawn l-oġġetti titwettaq, il-Kontrollur tad-Dwana jdaħħal Nota fl-atti ta' din il-kawża li biha jgħarraf lill-Qorti bl-eżekuzzjoni tal-ordni tal-qerda mogħtija b'din is-sentenza, jew, fin-nuqqas, ir-raġunijiet għaliex l-ordni ma tkunx twettqet; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża b'dan li d-drittijiet tal-Kuraturi Deputati *nomine* jitħallsu provviżorjament mir-rikorrent *nomine.*

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------